



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, id-19 ta' Marzu 2018

### L-infiq għall-azjendi agrikoli li jsir fil-ġejjieni għandu jkun ibbażat fuq miri tal-prestazzjoni ambizzjużi u rilevanti, jgħidu l-Awdituri tal-UE

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri illum appellat biex l-infiq li jsir fil-ġejjieni taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) ikun ibbażat fuq miri tal-prestazzjoni ambizzjużi u rilevanti, b'rispett sħiħ ukoll għar-rekwiżiti ta' legalità u regolarità. Jeħtieġ ukoll li l-fondi jintnefqu fejn jistgħu jiksbu valur miżjud Ewropew sinifikanti, jgħidu l-awdituri.

Dan l-appell isir f' dokument informattiv u analitiku dwar il-ġejjieni tal-PAK, b'rispons għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-ikel u tal-biedja wara l-2020. Attwalment, il-PAK qed tiġi riveduta, billi l-perjodu ta' ppjanar attwali ta' seba' snin għall-finanzi tal-UE jintemm fl-2020.

L-awdituri jgħidu li xi wħud mill-miżuri tal-PAK ma għandhomx objettivi ċari. Pereżempju, l-objettiv tal-miżura ta' ekoloġizzazzjoni li ġiet introdotta bl-aħħar riforma tal-PAK – li l-għan tagħha hu li jsir titjib fil-prestazzjoni ambjentali tal-PAK – ma kellux miri speċifiċi dwar il-kontribut tal-miżura għall-ambjent u l-klima. Jenħtieġ li, fejn ikun possibbli, l-objettivi jiġu kwantifikati, mhux biss għall-outputs, iżda wkoll għar-riżultati u l-impatt.

*“Huwa possibbli li l-finanzjament agrikolu qed jiġi allokat fejn ikun probabbli li jintnefaq kompletament, u mhux fejn jindirizza ħtiġijiet ewlenin u jipproduċi riżultati”, qal João Figueiredo, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għad-dokument informattiv u analitiku. “Dan jirrifletti kultura ta' nfiq minflok kultura ta' prestazzjoni.”*

L-awdituri jirrikonoxxu l-fatt li l-Kummissjoni ħadet kont ta' għadd ta' rakkomandazzjonijiet li huma għamli matul bosta snin, u l-Kummissjoni ddikjarat l-ambizzjoni tagħha li toħloq qafas ġdid ibbażat fuq il-prestazzjoni. Madankollu, huma josservaw li parti mill-istatistika ma tissodisfax il-kriterji li stipulaw f'rapporti preċedenti, u li huwa probabbli li l-miżuri li qed jiġu appoġġati huma simili għal dawk li ġew appoġġati fil-passat.

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tad-dokument informattiv u analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.*

*Id-dokument sħiħ jinsab fuq [www.eca.europa.eu](http://www.eca.europa.eu).*

## ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors

[eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

Attwalment, ma teżistix sistema tal-istatistika tal-UE li tista' tipprovdi informazzjoni dwar l-istandards tal-għajxien tal-komunità agrikola. L-awdituri kemm-il darba appellaw biex din id-*data* tiġi prodotta u tintuża bħala bażi f'politika li l-għan tagħha huwa li jiġi żgurat standard tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola, u f'objettivi oħra tal-PAK.

Element ewlieni tal-perspettiva tal-Kummissjoni huwa “mudell ġdid tal-implimentazzjoni” – ibbażat fuq flessibilità u sussidjarjetà akbar u fuq l-għoti ta' aktar responsabbiltà lill-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-prestazzjoni. Fil-fehma tal-awdituri, is-suċċess tal-mudell il-ġdid jirrikjedi:

- miżuri bbażati fuq evidenza soda, kemm xjentifika kif ukoll tal-istatistika, li jwasslu b'mod ċar ir-risultati mixtieqa;
- miri rilevanti, ambizzjużi u verifikabbli għall-“pjanijiet strateġiċi tal-PAK” il-ġodda, li jkunu allinjati mal-objettivi tal-UE;
- qafas robust ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni;
- katina soda ta' obbligu ta' rendikont u tal-awditjar, li tipprovdi aċċertament kemm dwar il-konformità kif ukoll dwar il-prestazzjoni.

---

Id-dokument informattiv u analitiku tal-QEA intitolat “Il-ġejjieni tal-PAK” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE. Lingwi oħra se jiżdiedu fi żmien qasir.